A.L. 463 tal-2010

ATT DWAR L-ARMI
(KAP. 480)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra (Emenda Nru.2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra (Emenda Nru.2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 480.01

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-tifsira "arma tan-nar" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "arma tan-nar" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att:

Iżda għall-finijiet tar-regolament 7A "arma tan-nar" għandha tfisser kwalunkwe arma bil-kanna li tista' tinġarr, li tispara, li hija mfassla biex tispara jew li tista' tiġi konvertita biex tispara tir, balla jew projettili permezz tal-azzjoni ta' propellant kombustibbli;".

Jemenda r-regolament 7A tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 7A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "Kull arma tan-nar mmuntata, manifatturata jew mqiegħda fuq is-suq f'Malta fi, jew wara t-28 ta' Lulju 2010 għandha tkun mmarkata b'mod uniku, inkluż l-isem" għandhom jidħlu l-kliem "Kull arma tan-nar li m'ilhiex mmuntata għandha, malli tiġi reġistrata fir-reġistri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta fi jew wara it-28 ta' Lulju 2010, sakemm ma tkunx diġà ġiet immarkata b'dak il-mod, tkun mmarkata b'mod uniku, jiġifieri bl-isem";

(b) fis-subregolament (1) tiegħu, il-proviso li hemm miegħu għandu jiġi sostitwit bil-*provisos* ġodda li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Iżda l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għall-oġġetti li jaqgħu taħt l-iSkeda II, Taqsima I, partiti 7 u 8, l-iSkeda II, Taqsima II u l-iSkeda III tal-Att:

Iżda wkoll l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għal armi artistiċi, storiċi jew rari, kif ukoll armi tan-nar oħra meqjusa mill-Bord dwar l-Armi bħala mhux adattati għal dak l-immarkar.";

(ċ) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-immarkar għandu jkun imwaħħal ma' komponent essenzjali tal-arma tan-nar, jiġifieri mal-mekkaniżmu li jagħlaq il-kulatta fuq wara, il-*frame*, ir-*receiver*, ir-rukkell jew il-kanna tal-arma tan-nar, li l-qerda tagħhom tkun tirrendi l-arma tan-nar inoperabbli.";

(d) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "manifatturat jew mqiegħed fuq is-suq f'Malta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mqiegħed fis-suq jew manifatturat għal għanijiet kummerċjali f'Malta fit-28 ta' Lulju 2010 jew wara";

(e) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "il-kalibru u t-tip ta' munizzjon." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-kalibru u t-tip ta' munizzjon:"; u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għal munizzjon li jkun antik, storiku jew rari."; u

(f) fis-subregolament (4) tiegħu, il-proviso li hemm miegħu għandu jiġi sostitwit bil-*provisos* ġodda li ġejjin:

"Iżda l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għall-oġġetti li jaqgħu taħt l-iSkeda II, Taqsima I, partiti 7 u 8, l-iSkeda II, Taqsima II u l-iSkeda III tal-Att:

Iżda wkoll l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għal armi artistiċi, storiċi jew rari, kif ukoll armi tan-nar oħra meqjusa mill-Bord dwar l-Armi bħala mhux adattati għal dak l-immarkar.".

Tħassir tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.